MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 729/2004

**V. Demajo & Bros.**

**Vs**

**Future Furniture Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm394.05c (tlett mija w erbgha u disghin lira Maltin u hames centezmi) rapprezentanti prezz ta' *Wood Turning Lathe* mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta u liema ammont jinkludi wkoll l-imghax kummercjali kalkolat sat-2 ta' Jannar, 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Carlo Vigna li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm394.05c (tlett mija w erbgha u disghin lira Maltin u hames centezmi), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------